# ANNIVERSARJI

## DIN IS-SENA JAHBAT ...

- **375 sena minn meta tlesta l-ewwel bini tal-Oratorju tal-Gandlora.**



*Dehra tal-faċċata u l-kampnar tal-Oratorju tal-Gandlora, mibnija fuq il-lemin tal-Knisja Parrokkjali.*

Il-Kongregazzjoni tal-Onorati kienet twaqqfet fl-Isla fis-sena 1612, fi żmien it-tieni Kappillan Dun Vinċenz Caruana, fil-knisja ta' San Ġiljan. Il-membri kienu jagħmlu bosta opri ta' karità, u għalhekk kellhom isem tajjeb u kienu stmati mill-abitanti tal-Isla. Huma kienu ukoll jiltaqgħu għat-tagħlim tliet darbiet fil-ġimgħa. Ġara li n-numru tagħhom malajr kiber, u l-knisja ta' San Ġiljan ta' dak iż-żmien saret żgħira. Bil-permess tal-Kappillan Don Cosimo Talavera, u l-kunsens tal-Kurja, fl-1622 ħadu pussess tal-kappella taċ-ċimiterju li kien hemm maġenb il-knisja. Imma fi ftit żmien anke din il-kappella saret ma tesagħhomx peress li n-numru baqa' joktor. Għalhekk, sar rikors biex tinbena kappella akbar fl-istess post. Din it-talba ntlaqgħat u b'hekk ingħata bidu għall-bini tal-Oratorju, li għall-ewwel darba ġie iddedikat lill-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju. Dan l-Oratorju tlesta fl-1636 – 375 sena ilu. Lejn l-1729 anke dan l-Oratorju inħatt u nbena dak li eventwalment baqa' wieqaf sa żmien l-aħħar gwerra.

- **350 sena minn meta saret talba għall-bidu tal-Oratorjani f'San Filippu.**

F'Lulju 1661, is-saċerdoti Dun Xmun Schembri u Dun Evanġelist Gandolfo, u d-Djakni Dun Ġużepp Lamagna u Dun Orazju Mifsud, kollha Sengleani, ressqu talba fil-Kurja, biex huma jingħataw f'idejhom it-tmexxija tal-Knisja ta' Santa Marija tal-Porto Salvo, biex fiha jwaqqfu komunità ta' saċerdoti li jgħixu skont ir-regoli ta' San Filippu Neri. Talbu wkoll li jingħataw il-bini tal-madwar biex jibdluh f'kunvent fejn jgħixu flimkien



*Dun Xmun Schembri fi kwadru pittura li jinsab fis-Sagrestija tal-Knisja tal-Porto Salvo.*

ħajja klawstrali. L-Isqof Balaguer ressaq din it-talba lill-Kappillan tal-Isla, Dun Franġisk Azzopardi, u wara li ġew solvuti xi problemi dwar legati u fondazzjonijiet, u dwar il-bini ta' knisja ġdida u akbar, u l-bini ta' kunvent, dan il-permess ingħata f'Mejju tas-sena ta' wara. Madanakollu, l-Isqof u l-Kappillan tal-Isla, xorta waħda żammew xi drittijiet fuq dik il-knisja.

- **325 sena mill-Vista Pastorali mill-Isqof Davide Cocco Palmieri.**

F'Jannar 1686, l-Isqof Davide Cocco Palmieri għamel Viżta Pastorali fil-Parroċċa tal-Isla. Dan kien fi żmien il-parrokat diffiċli ta' Dun Franġisk de Pena. Id-difikultajiet tal-Kappillan wasslu biex għal xi żmien huwa saħansitra kien assenti mill-Parroċċa, tant illi fi żmien din il-Viżta Pastorali il-Parroċċa kienet qed tkun amministrata mill-Viċi, Dun Mark Parmisciano. Ta' min jinnota imma, illi f'dak iż-żmien fl-Isla kien hawn 29 saċerdot għas-servizz fil-Parroċċa, u 4 oħra fil-knisja ta' San Filippu. Ir-relazzjoni, bħas-soltu, tagħti deskrizzjoni dettaljata tal-knisja, li wara l-aħħar tkabbir li kien sar, nistgħu ngħidu li kellha l-qisien u l-istruttura li żammet sal-bidu tal-gwerra. (Minn dak iż-żmien kien tkabbar il-kor, u żdiedet il-Kappella tas-Sagrament biss).




*L-Isqof Davide Cocco Palmieri (1684 - 1711).*

Fatt ta' interess partikulari li joħroġ mir-relazzjoni ta' din il-Viżta Pastorali, hu li f'dak iż-żmien id-devozzjoni tal-espożizzjoni tas-Sagrament għal erbgħin siegħa – il-Kwaranturi – kienet issir darbtejn f'sena: fit-tlitt ijiem tal-karnival, u wara, fil-jiem bejn Ħadd il-Palm u l-Erbgħa tat-Tniebri.

- **250 sena mit-Twelid tal-Arċisqof Ferdinandu Mattei.**

Nhar is-24 ta' Lulju 1761, fl-Isla twieldet tarbija fil-familja ta' Karlu u Filippa Mattei; tifel li ngħata l-isem ta' Ferdinandu. Sa minn ċkunitu huwa wera intelligenza kbira u ġibda qawwija għall-ħajja saċerdotali. Wara li ġie ordnat saċerdot, is-snin bikrin tal-ministeru għaddihom f'ħidma pastorali fl-Isla, għad illi huwa qatt ma nħatar Kanonku tal-Kolleġġjata. Ta' 43 sena, fl-1804, inħatar Monsinjur Dekan tal-Kapitlu tal-Kattidral. Imbagħad 4 xhur wara l-mewt tal-Isqof Labini, nhar is-27 ta' Settembru 1807, il-Papa Piju VII ħatru Isqof ta' Malta. Huwa sar l-ewwel wieħed minn linja ta' Isqfijiet tad-Djoċesi li kienu dejjem imweldin f'dawn il-gżejjer. Bħala Isqof huwa ħadem ħafna b'risq u mal-poplu, speċjalment matul il-pesta qalila tal-1813. Huwa kien ukoll magħruf għall-karità kbira mal-foqra. Miet fl-24 ta' Lulju 1729, wara episkopat ta' 22 sena. L-Isqof Mattei huwa wieħed mill-protagonisti fl-istorja tal-Belt Sengleana: prelat li għamel ġieħ kbir kemm lill-belt twelidu, kif ukoll lil pajjiżna.



*Fjurier tal-fidda - wieħed minn sett ta' sitta bl-inizjali 'FM' (Ferdinando Mattei) minquxa fuqhom. Dawn ġew mixtrija mill-Kan. Dekan Ġorġ Scriha u rregalati lill-Parroċċa fl-1990. Din hija l-unika memorja tal-Arċisqof Ferdinando Mattei li l-Parroċċa tal-Isla tgħożż.*

- **225 sena mit-Twaqqif tal-Kolleġġjata.**

Is-sena 1786 kitbet waħda mill-isbaħ paġni fl-istorja ta' din il-Belt u tal-Parroċċa, meta l-Papa Piju VI għolla lill-Parroċċa għall-ġieħ ta' Kolleġġjata Insinji. Aktar tagħrif dwar dan l-avveniment jinsab f'artiklu separat f'paġna 57.

- **150 sena mill-mewt tal-Arċipriet Mizzi u l-pussess tal-Arċipriet Colombo.**

L-Arċipriet Luigi Mizzi dam imexxi l-Parroċċa għal 8 snin biss, bejn l-1853 u l-1861. Dan ta' Mizzi kien parrokat relattivament qasir u bi ftit avvenimenti notevoli. Iżda fi żmienu kienu saru festi sollenni lejn tmiem is-sena 1854, meta nhar it-8 ta' Diċembru ta' dik is-sena, il-Papa, Beatu Piju IX, ipproklama bħala domma ta' fidi l-Immakulat Konċepiment tal-Verġni Marija. Kif kien xieraq, l-Arċipriet u l-Kapitlu, flimkien mal-kleru u l-fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni, iffesteġġjaw dan l-avveniment straordinarju b'mod sollenni nhar il-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena. Viżta Pastorali mill-Isqof Gaetano Pace Forno lejn tmiem il-parrokat ta' Mizzi, kien l-uniku avveniment ieħor ta' nota f'dak iż-żmien. L-Arċipriet Mizzi miet nhar l-10 ta' Ottubru 1861.

Il-mewt tal-Arċipriet Mizzi kitbet paġna unika fl-istorja tal-Parroċċa. Dan għall-fatt illi immedjatament, il-Kanonku Francesco Colombo ħa f'idejh ir-riedni tal-Parroċċa. Dan seta' jsir għaliex huwa kien ilu għal tul ta' snin bil-piż ta' Vigarju Kurat bid-dritt tas-suċċessjoni. Għalhekk, kuntrarju għal dak li kien soltu jiġri, mal-mewt ta' Mizzi, il-Kanonku Colombo seta' mill-ewwel jibda jmexxi hu bħala Arċipriet. Tant hu hekk li dak in-nhar stess tal-mewt tal-Arċipriet Mizzi, meta l-Kapitlu kien qed jiddiskuti dwar il-funeral tiegħu, il-Kanonku Colombo mexxa hu dik il-laqgħa bħala l-Arċipriet il-ġdid. Din il-ħaġa hija unika fl-istorja tal-Kolleġġjata Sengleana, għaliex qatt ma kienet ġrat qabel u qatt ma seħħet wara.

- **125 sena mill-ewwwl Ċentinarju tal-Kolleġġjata.**

Is-sena 1886 kienet egħluq l-ewwel 100 sena mit-twaqqif tal-Kolleġġjata Sengleana. L-Arċipriet, il-Kanonku Anton Cordina, flimkien mal-Kapitlu, ħejjew programm ta' festeġġjamenti għall-jiem tal-festi tal-



*Kan. Arċipriet Francesco Colombo (1861-1879).*



*Kan. Arċipriet Antonio Cordina (1879-1890).*

Bambina. Fost l-oħrajn, fil-jiem ta' qabel il-festa, kienu mistednin il-Kapitli ġirien ta' Bormla u l-Birgu, u ma' dawn għall-jiem tal-festa anke dawk ta' Birkirkara u ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Għall-purċissjoni ta' nhar il-festa kienu mistednin il-Kappillani ta' Malta kollha, li kienu jinkludu 4 Sengleani. Ġara iżda, li ftit jiem qabel il-festa, terremot qawwi heżżeż dawn il-gżejjer u ħalla ħafna tħarbit. Għalhekk, fuq suġġeriment tal-Isqof Mons. Anton Buhagiar, ħafna minn dak li kellu jsir tħassar.

B'tifkira ta' dan iċ-ċentinarju, iżda, fl-Isla twaqqaf l-Istitut ta' Edukazzjoni Nisranija mis-saċerdot Dun Franġisk Briffa – futur Arċipriet – biex mill-Oratorju tal-Gandlora jingħata tagħlim reliġjuż u formazzjoni Nisranija lit-tfal u ż-żgħażagħ. F'dik is-sena wkoll, fil-knisja saru tliet opri kbar. Bil-ħidma tal-prokuratur tal-knisja, il-Kanonku Nazju Panzavecchia, li maż-żmien sar figura prominenti ħafna fil-qasam politiku f'pajjiżna, kienet saret tapizzerija ġdida tal-ħarir *tal-Palma* għall-partijiet prinċipali tal-knisja, kif ukoll sett ta' apparat tal-lama bajda irrakkmat bil-ħajt tad-deheb biex jintuża fil-jiem tal-festa. Fl-istess żmien, il-Kongregazzjoni tas-*Sacro Cuor*, l-aktar bit-tħabrik tal-prokuratur Ġużeppi Abela, magħruf bħala Ġużè Luranju, ksiet bl-irħam il-prospettiva tal-artal tal-Madonna tal-Grazzja.

- **25 sena mit-tieni Ċentinarju tal-Kolleġġjata.**

Dan it-tieni ċentinarju mill-Kolleġġjata, fl-1986, ġie ftit xhur biss wara li kien ħa l-pussess l-Arċipriet Dun Vinċenz Cachia. F'din l-okkażjoni il-programm kommemorattiv li sar kien ibbażat aktar fuq xeħtiet reliġjużi milli ċelebrattivi, u ssawwar madwar il-jum tal-21 ta' Mejju, egħluq il-200 sena mill-ħruġ tad-digriet tal-Kolleġġjata mill-Papa Piju VI. Kif kien xieraq, il-mistieden ewlieni kien Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, kif ukoll il-Kapitli Kolleġġjali tal-Birgu u Bormla. Biex minn din l-okkażjoni joħroġ aktar ġid spiritwali, matul ix-xahar ta' Ottubru saret il-Missjoni l-Kbira, meta numru ta' saċerdoti żaru l-familji tal-Parroċċa, biex iħeġġu lill-parruċċani għall-ħajja iżjed Nisranija.

F'din l-okkażjoni kienet ġiet irrestawrata l-Awla Kapitulari, dik is-sala fuq in-naħa ta' wara tal-Kor, fejn isiru l-laqgħat uffiċċjali tal-Kapitlu. B'tifkira ta' dan l-anniversarju wkoll, kien ġie ippubblikat it-tieni volum tal-istorja



*21 ta' Mejju 1986 - Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, flimkien mal-membri tal-Kapitlu Senglean fl-okkażjoni tal-200 anniversarju mit-twaqqif tal-Kolleġġjata.*

tal-Isla fi ġrajjiet il-Bażilika u s-Santwarju ta' Marija Bambina, miktub mill-istoriku Patri Alexander Bonnici OFM Conv.

- **25 sena mill-mewt tal-Arċipriet Sladden.**

Il-parrokat relattivament riċenti u li ħafna għadhom jiftakruh tal-Arċipriet John Sladden, ħabat maż-żminijiet ġodda għall-Knisja Universarli, jiġifieri dawk ta' wara l-Konċilju Vatikan II. Kien żmien li fih kienu bdew jitwettqu b'mod sħiħ ir-riformi mitluba li ħarġu b'effett tal-laqgħat tal-Konċilju. L-Arċipriet Sladden, li kien ħa l-pussess fi Frar 1967, ħabrek qatiegħ sabiex dawk ir-riformi jitwettqu minnufih, tant illi ħafna drabi l-Isla kienet il-Parroċċa fejn xi wħud mir-riformi seħħew l-ewwel f'Malta kollha. Bil-prudenza, imma b'mod sod, huwa kien ifiehem il-bżonn ta' dawk l-aġġornamenti. Huwa kien ħabrek bis-sħiħ biex kabbar id-devozzjoni lejn ix-xbieha ta' Ġesù Redentur, u nsista għar-rinnovament totali tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Imma l-aktar li baqa' jissemma hu għall-festi sollenni li saru fl-1971 f'egħluq il-50 sena mill-Inkurunazzjoni tal-istatwa ta' Marija Bambina, festi li laħqu l-qofol tagħhom nhar l-4 ta' Settembru bit-tqegħid tal-Warda tad-deheb f'riġlejn il-Bambina. Għaxar snin wara, fl-1981, ġie ċċelebrat egħluq l-400 sena tal-Parroċċa, meta fost l-oħrajn ġie ppubblikat l-ewwel volum tal-istorja tal-Isla. Kien hu wkoll li beda l-ħidma għad-dekorazzjoni u l-pittura tal-knisja, kif ukoll ta bidu għall-opra tant mixtieqa mis-Sengleani tal-kisi tal-istatwa tal-Bambina bil-fidda u d-deheb.

Wara marda qerrieda, li kien ilu jsofri minnha b'rassennjazzjoni għal xi snin, huwa miet nhar it-3 ta' April 1986 – 25 sena ilu – fl-eta ta' 67 sena.



*4 ta' Settembru 1971 – Il-Kan. Arċipriet Ġwann Sladden jassisti lill-Kardinal Giacomo Lercaro waqt it-tqegħid tal-Warda tad-deheb f'riġlejn il-Bambina fl-okkażjoni tal-50 anniversarju tal-Inkurunazzjoni.*